MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1470/2004

**Dr. Edward Saliba bhala prokuratur specjali ta' Salvatore Fiaminco**

**Vs**

**Miriam Degabriele**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li fih l-attur noe talab il-hlas ta' elf u erba mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm1483.24c) rapprezentanti l-prezz ta' ghamara tas-sodda li nxtrat mill-konvenuta waqt li hija kienet Sqallija bil-flus ta' Fiaminco kif ukoll spejjez inkorsi ghall-importazzjoni u trasport ta' l-istess ghamara ghal god-dar tal-konvenuta.

Ra r-risposta fejn l-konvenuta fl-ewwel lok qalet illi fl-ebda mument ma’ kienet talbet xi self ta’ flus minghand Fiaminco.

Fit-tieni lok tghid illi l-partijiet kienu hbieb u kien ghalhekk li xtralha set ta’ l-ghamara bhala rigal. Kien hemm iktar rigali li taghha Fiaminco izda li gew rifjutati minnha.

Fl-ahhar lok tghid illi t-talba attrici ghandha tigi respinta kontra l-attur stante illi l-ghamara giet moghtija lil ha bhala “dono manuale”.

Ra d-dokumenti ezebiti.

Ra r-rapport li ghamel PS 950 Alan Buhagiar tal-konvenuta fejn gie rrapurtat:

“Illum kien hemm persuna wara l-bieb tar-residenza taghha ihabbtilha l-bieb u jcempel il-qanpiena ta’ l-istess residenza li tinsab 70, Mirage, Triq l-Akwadott gewwa B’Kara. PS950 Alan Buhagiar u PC802 Joe Chricop marru mmedjatament fil-post indikat fejn sabu lil certu Salvatore Fiaminco li hu ta’ nazzjonalita Taljana, fejn stqarr li hu kellu relazzjoni mal-kwerelanta ghal madwar erba’ snin u issa spicca kollox peress li hi ghandha wicc haddiehor. It-taljan mar hemm biex jitlobha l-flus li nefaq f’kamra tas-sodda li xtralha hu stess mill-Italja. Mitkellma mill-Pulizija il-kwerelanta ikkonfermat li qal Salvatore kien kollu minnhu u sahansitra l-bierah riedet taghmillu cheque pero hu ried il-flus Euros, iz-zewg persuni tkellmu quddiem il-pulizija fejn inlahhaw ftehim li t-taljan jipproduci rcevuti li s-set huwa mhallas permezz ta’ l-avukat tieghu w l-kwerelanta thallsu. Il-kwerelanta ziedet tghid li hi ma’ tridx lil Salvatore jersaq lejha peress li ma’ tridx taf aktar bih. Ta’ min isemmi li l-kwerelanta bih. Dwar dan Salvatore gie imwissi w z-zewg partijiet gew avzati biex jaghmlu kuntatt biss permezz ta’ l-avukati rispettivi taghhom.”

Ra l-Affidavit ta’ Miriam Degabriele fejn tghid illi ghall-ewwel kienu hbieb izda imbaghad kellhom relazzjoni.

Tghid illi Fiaminco kien jigi Malta ta’ spiss minhabba x-xoghol.

Tghid ukoll illi huwa kien jiddikjara li ghandu hafna flus u kull darba li hargu flimkien kien jehodha f’postijiet tajbin kif ukoll xtrala hwejjeg. Tikkonferma li hi qatt ma’ talbitu xejn anzi kienet tinsisti li ma’ jonfoqx dawn il-flejjes, izda hu kien jghidilha li dawn kienu rigali.

Tghid illi huwa beda jsir possessiv fuqha u kien jezercita certu kontroll fuqha u ghalhekk informathu li ma’ xtaqetx tkompli din ir-relazzjoni, izda Fiaminco ma’ kienx ta kaz.

Tispjega li meta kienet fuq btala gewwa Sqallija f’Gunju 2003, Fiaminco kien hadha go hanut ta’ l-ghamara sabiex jixtrila kamra tas-sodda izda hi kienet insistiet li diga kellha kamra tas-sodda u ma’ kellhiex intenzjoni sabiex jixtrilha dan ir-rigal. Tikkonferma li meta telqu min dan il-hanut, Fiaminco ma’ kienx ordnha l-imsemmija kamra tas-sodda. F’Settembru 2003 Fiaminco kien informha li kien xtralha kamra tas-sodda bhala rigal u taha d-data ta’ meta kienet ser tasal.

Tikkonferma li meta waslet din il-kamra tas-sodda indunat illi l-invoice kienet fuq isimha izda tinsisti li mhux hi ghamlet l-ordni.

Ra x-xhieda ta’ l-Ispettur Dennis Thuema fejn jikkonferma li f’2003 il-konvenuta bdiet taghmel rapporti li l-attur kien qieghed jaghmel hafna telefonati u li kienet qed thossha mhedda. Jghid illi l-konvenuta kienet riedet tittermina r-relazzjoni ma’ l-attur.

L-ispettur Theuma kien avza lill-attur sabiex ma’ jkomplix idejjaqha izda hu kien qallhu li kien xtara xi ghamara ghal konvenuta u kien qed jippretendi hlas.

Ra x-xhieda ta PS950 Alan Buhagiar u PC 802 Joe Chircop fejn jikkonfermaw r-rapport.

Ra x-xhieda ta' Salvatore Fiaminco fejn jikkonferma li hu kien xtara kamra tas-sodda ghal konvenuta minhabba li r-ragel taghha meta sseparaw hadilha l-ghamara kollha.

Jghid illi waqt ix-xiri kien hemm prezenti hu flimkien mal-konvenuta u nies ohra. Jghid ukoll li hu kien hallas ghal kamra tas-sodda li l-konvenuta kienet ghazlet minhabba li kien hemm relazzjoni bejniethom. Fiaminco hallas lis-socjeta minn fejn xtara l-ghamara permezz ta' tlett cheques. Il-konvenuta marret Sqallija sabiex tixtri din il-kamra tas-sodda.

Jikkonferma li meta l-partijiet kienu f'relazzjoni, kien jixtrilha hafna rigali pero l-kamra tas-sodda ma' kienetx rigal.

Jikkonferma wkoll illi meta kien hemm il-Pulizija, l-konvenuta riedet taghtih cheque izda hu talab flus f'Euros. Jghid li ried flus ghaliex ma' setghax isarraf cheque Malti. Il-konvenut jghid li riedet invoice izda ma' kellhu l-ebda dokument. Jikkonferma li ma tghax kopja tal-fattura lil konvenuta ghaliex imbaghad kienu dahlu l-avukati.

Jispjega illi ghalih hija haga normali li hu hallas bil-quddiem. Dak iz-zmien il-konvenuta kienet qeghda tirranga d-dar taghha. Jichad li hu baghat Dok. JS, mhiijiex il-firma tieghu.

Jghid illi l-ghamara inxtrat minn fuq katalgu minhabba li r-rapprezentanti tal-kumpanija kienu l-hbieb tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tikkonferma li JS1 kien baghtu Fiaminco u kien talabha sabiex tmur cruise mieghu izda kienet irrifjutat. Tghid li kien joffrilha hafna rigali biex tkompli r-relazzjoni mieghu. Izzid ukoll illi ma' tafx ezatt minghand min gie ordnata il-cruise apparti li kien gie minn Catania. Terga tikkonferma li Fiaminco kien saqsiha biex tmur mieghu.

Tikkonferma wkoll li hi kienet xtrat l-ghamara minghabd il-Krea hekk kif muri fuq id-dokumenti esebiti. Tghid li qatt ma' kienet nieqsa mill-flus. Tghid illi hi kienet xtrat zewg

kmamar tas-sodda. Il-kamra tas-sodda li nxtrat minn Sqallija qieghda fil-post taghha. Tghid ukoll illi hi torqod f'single bed.

Tghid illi l-emails li jidhru fuq l-HSBC huma taghha izda tichad li baghtet l-emails ohrajn esebiti. Tispjega li kienet lesta sabiex tatih il-flus minhabba li kienet tibza minnhu. Dan ghaliex Fiaminco kien isawwatha. Ma' kienetx marret ghand it-tabbib ghax bdiet tisthi.

Tghid ukoll illi meta hadet il-passi kontra Fiaminco, l-avukat taghha sab diffikulta ghaliex ma' setghax isib fejn joqghod l-attur u kien ghalhekk li ma' kitibx ittra.

Tikkonferma l-affidavit.

Ra x-xhieda ta' Dr. Joseph Sammut fejn jikkonferma li meta l-konvenuta marret ghandu, hi kellha marki vizibbli fuq idejha u fuq spallejha. Jikkonferma wkoll li ma' kien sab ebda tracca ta' l-attur u ghalhekk ma' setghax jaghmel kwerela.

Ra x-xhieda ohra ta' PS 950 Alan Buhagiar fejn jghid li jista jkun li qal lil konvenuta sabiex tmur il-polyclinic minhabba li Fiaminco kien ghollha jdejh fuqha. Jikkonferma li ma' ra l-ebda injuries fuq il-konvenuta. Jikkonferma wkoll illi l-konvenuta kienet lesta biex thallas lil Fiaminco izda qabel riedet tara l-ircevuti.

PS 802 Joe Chircop ma' jiftakarx jekk il-konvenuta semmiet xi incident.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur noe kif ukoll in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Ikkunsidra li skond d-dikjarazzjoni annessa mal-avviz l-attur jghid li hu silef  Euro 2520.93 lil konvenuta sabiex hi tixtri kamra tas-sodda u li hu hallas sabiex l-istess tigi importata lejn Malta.

Il-konvenuta tichad li ghamlet self u tghid li dawn kienu rigal.

Meta kien hemm l-incident u gew involuti l-Pulizija l-konvenuta qalet li kienet lesta thallsu lura lil attur. Il-konvenuta tghid li qalet hekk ghaliex kienet qed tibza mill-attur. Illi fir-rapport tal-Pulizija inkiteb hekk :

“Fiaminco ..stqarr li hu kellu relazzjoni mal-kwerelanta ghal madwar erba snin u issa spicca kollox peress li hi ghandha hadd iehor. It-Taljan mar hemm biex jitlobha l-flus li nefaq f’kamra tas-sodda li xtrala hu stess mill-Italia. Mitkelma mill-Pulizija l-kwerelanta ikkonfermat li qal Salvatore kien kollu minnu u sahansitra l-bierah riedet taghmillu cheque …quddiem il-Pulizija intlahaq ftehim li t-taljan jipproduci l-ircevuti li s-sett huwa mhallas permezz ta’ l-avukat tieghu u l-kwerelanta thallsu.”.

Hawn ukoll Fiaminco ma qalx li silef flus lil konvenuta izda li nefaq flus f’karma tas-sodda li xtrala mill-Italia.

Fl-email a fol 38 l-konvenuta tghid “Dimmi quando devo fare l-appuntamento alla banca per darti i soldi del mobile” a fol. 39 titkeb “Ho ricevuto un statement da Express Trailers, per favore mandami l’invoice cosi io pago il trasporto”. Il-konvenuta tghid li mhux hi baghtet dawn l-e mails. Dwar ir-rapport tal-Pulizija l-konvenuta tghid li “jiena bil-biza dak in nhar kont anke’ lesta li naghtih flus dak il-hin ghax kont imsawta minnu”.

L-avukat Dr. Joseph Sammut ikkonferma li l-konvenuta giet l-ufficju tieghu b’marki fuq idejha u fuq spallejha. Il-konvenuta ezebiet dokumenti biex turi li l-attur, anki wara l-incident meta gew involuti l-Pulizija, kien baghat fjuri u anki dettalji dwar vjagg. L-attur jichad li baghat dawn id-dokumenti.

Meta xehed l-attur qal li hu xtara l-kamra tas-sodda mill-Italia u mhux li silef il-flus lil konvenuta biex hi tixtri l-Kamra tas-sodda. (ara xhieda a fol. 23).

Fil-kawza Fiorentino vs. Attard (kollezz. Vol. XXXII p. 11 p472) msemmi mill-attur, gie dikjarat li min jallega d-donazzjni ghandu l-obbligu li jipprovaha … sabiex jkun

hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid jkun hemm provi cari”.

Illi skond il-provi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni. Illi l-ghamara inxtrat f’Settembru 2003. Illi l-kawza giet prezentata fis-16 ta’ Lulju 2004. Illi l-attur kien talab il-flus lura b’ittra tas-27 ta’ Frar 2004. F’din l-attra l-attur jitlob li jinghata lura l-ammont in konnessjoni ma’ “furniture he purchased for you”. Illi bl-ittra tal-10 ta’ Marzu 2004 l-konvenuta tghid li “l-ghamara li hu ghadda lill-mittenti ghaddiha b’rigal”.

Illi mill-provi prodotti dan it-Tribunal jikkonkludi li waqt li kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet l-attur xtara ghamara ghal konvenuta. Illi meta spiccat din ir-relazzjoni, l-attur ippretenda li jinghata lura l-ammont ta’ flus li nefaq ghal ghamara. Illi huwa veru li l-konvenuta qalet li riedet thallsu lura izda dan it-Tribunal hu konvint li dan kien ghaliex hi riedet li twaqqaf lil attur milli ikompli juri interess fiha. Illi l-attur ma gabx provi konvincenti li kien hemm self bejn il-partijiet u l-konvenuta gabet provi li l-ghamara inghatat b’donazzjoni. Per ezempju l-attur jghid “jiena izda kont hallast ghal kamra tas-sodda billi kien hemm relazzjoni bejni u l-konvenuta”. Waqt ir-relazzjoni bejn il-partijiet l-attur kien ghamel diversi rigali lil konvenuta. Illi fl-ebda hin l-attur ma jirrakonta x’kien il-ftehim dwar l-allegat self.

Ghaldaqstant jichad it-talba tal-attur. Spejjes bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------